FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Novembru, 2017**

**Talba Nru: 29/2017 PM**

**Associated Marketing Limited (C16629)**

**Vs**

**Rosita Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Jannar, 2017 fejn filwaqt li gie premess illi l-attrici debitament bieghet u kkonsenjat lill-konvenuta fuq ordni taghha stess, merkanzija bl-iskop li l-konvenuta tbiegh l-istess mill-hwienet gestiti minnha bl-isem ta' 'Smart Stationery' f'Marsaxlokk u 'The Village Stationery' fi Triq il-Konti Salv Manduca fl-Imtarfa, illi l-konvenuta ghad baqaghlha thallas lill-attrici s-somma ta' €1,849.12 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tal-istess merce debitament mibjugha u konsenjata lilha fuq ordni taghha stess u baqghet inadempjenti anke wara li giet interpellata sabiex thallas dak dovut minnha, is-socjeta` attrici talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-istess intimata thallasha s-somma ta' €1,849.12 flimkien mal-imghaxijiet

kummercjali dekorribbli mis-17 ta' Gunju, 2016 sal-jum tal-pagament effettiv kif ukoll flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficjali bin-numru 2737/2016 intavolata a tenur tal- Art. 166A tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili u kif ukoll tal-prezenti kawza, bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-istess konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti, inkluza s-seduta tal-lum, salv illi affetwat pagament fil-mori.

Ra n-nota ta' riduzzjoni datata 9 ta' Novembru, 2017 permezz ta' liema s-socjeta` attrici rriduciet is-sorte mitluba minnha ghas-somma ta' elf sitta u sittin euro u erbgha u erbghin centezmi (€1066.94) oltre spejjez u imghaxijiet kif mitlub fl-avviz.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fl-istess seduta tad-9 ta' Novembru, u fil-fatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz in-natura kummercjali tan-negozju mertu tal-kawza odjerna.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, sitta u sittin euro u erbgha u disghin centezmi (€1066.94) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici flimkien mal-imghaxijiet kummercjali dekorribbli mis-17 ta' Gunju, 2016 u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2737/2016 intavolata a tenur tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**